## Kalendarju Liturġiku għax-xahar ta’ Jannar

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd, 1 ta’ Jannar | Solennita’ tal-Imqaddsa Verġni Marija –Jum il-Paċi<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Is-Sibt, 7 ta’ Jannar | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 8 ta’ Jannar | Solennita’ tal-Epifanija tal-Mulej<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| It-Tnejn, 9 ta’ Jannar | Festa tal-Magħmudija tal-Mulej<br>Quddies: 6.45 am u 6.15 pm |
| Is-Sibt, 14 ta’ Jannar | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 15 ta’ Jannar | It-Tieni Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Is-Sibt 21 ta’ Jannar | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 22 ta’ Jannar | It-Tielet Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| L-Erbgħa, 25 ta’ Jannar | Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl<br>Quddies: 6.45am u fis-6.15pm |
| Is-Sibt, 28 ta’ Jannar | Quddies: 6.45am, 8.30, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd, 29 ta’ Jannar | Ir-Raba’ Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |

MILL-PROGRAMM TAL-FORMAZZJONI TAL-ADULTI:
HOP ON HOP OFF FORMATION WEDNESDAYS

### IL-PAPA SENA WARA JITKELLEM MA’ QALBNA

**Jannar 2023, L-Erbgħat 11, 18, 25 mis-6.40 pm sa 7.30 pm, ikellmuna:**
**Mons Joe Galea Curmi,** l-Isqof Awżiljarju ta’ Malta u Vigarju Ġenerali nhar l-Erbgħa 11 ta’ Jannar
**Fr Jimmy Bonniċi,** Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof u lecturer fil-Fakultà tat-Teologija fl-Università ta’ Malta l-Erbgħat 18 u 25 ta’ Jannar.

Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302
**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org

PARROĊĊA
*Familja Mqaddsa*
L-IKLIN



# Il-Miġemgħa

JANNAR 2023
**ĦARĠA 226**

LEHEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA

KINDLY SUPPORTED BY JB STORES

Meta tiġi f’idejk din il-kitba ser tkun waslet biex tispiċċa s-sena 2022 u tibda’ s-sena 2023. Is-sena 2022 nibqgħu niftakruha bħala dik li fiha erġajna bdejna nirritornaw għal xi tip ta’ normalita’ wara l-pandemija COVID-19. Ukoll faqqgħet il-gwerra fl-Ukranja. Wliedna qed jgħixu f’dinja diġitali li aħna lanqas konna noħolmu biha għoxrin sena ilu. Id-dinja kif konna nafuha qabel inbidlet u qed tkompli tinbidel malajr. Kulħadd jgħidlek li d-dinja saret mgħaġġla wisq.

Quddiem dawn il-ħafna bidliet aħna mistednin li nerġgħu nitfgħu il-ħarsa tagħna fuq il-persuna ta’ Ġesù, li qatt ma jinbidel. Ġesù, Alla l-ħaj huwa l-istess ilbieraħ, illum u għada.

F’din is-sena fejn ser inkomplu naraw aktar bidliet, aħna mistednin li nkomplu niffukaw fuq dak li ma jinbidilx:

Ġesù – mħabba bla ražan dejjem u kullimkien
Ġesù – ħniena bla ražan dejjem u kullimkien
Ġesù – qdusija bla ražan dejjem u kullimkien
Ġesù – għerf bla ražan dejjem u kullimkien
Ġesù – tjubija bla ražan dejjem u kullimkien

Nersqu lejH b’fidi kbira, b’perseveranza. ‘Ejjew għandi intom li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom.’

Is-sliem
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

## LITURĠIJA TAL-KELMA

Bible Wednesdays mis-6.40 pm sa 7.30 pm

L-Erbgħa 4 ta' Jannar u l-Erbgħa 1 ta' Frar
Ċelebrazzjoni tal-Kelma kull l-ewwel Erbgħa
tax-xahar immexxijja minn Mons Kalċidon Vassallo

## MIL-KALENDARJU TAL-PARROĊĊA

Il-Ħamis 5 ta' Jannar fil-5.30 pm Tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija
Il-Ħamis 12 ta' Jannar fis-7.00 pm Jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali mad-Direttur tad-Direttorat Parroċċi Fr Andre' Zaffarese dwar it-tweġibiet mill-parroċċa bi preparazzjoni għas-Sinodu mundjali dwar is-sinodalita'.
Is-Sibt 21 ta' Jannar fl-4.00 pm Tiltaqa' L-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali
Il-Ħamis 2 ta' Frar fil-5.00 pm (mhux 5.30 pm) Tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija
Il-Ġimgħa 3 ta' Frar fis-7.15 pm Jiltaqa' l-Kunsill Ekonomiku Parrokkjali

## SEMINARS GĦALL-ĠENITURI U T-TFAL

Il-Ħadd 5 ta' Frar 2023; tfal fis-snin 2, 3, 4 bejn l-9.20am u l-11am

**Għall-ġenituri: Ma' uliedi l-fiduċja mhux biss nibniha imma irrid immantniha**
Kelliema: Prof. Angela Abela, professur fid-Dipartiment tal-Istudji dwar it-Tfal u l-Familja, psikologa klinika u terapista tal-familja.
**Għat-tfal: Il-mummy u d-daddy l-aqwa ħbieb u li l-aktar li jafuni**
Kelliema: Sr Michela Paris, ħadmet bħala għalliema għal 24 sena u hi Assistent Superjura f'Guardamangia.

## PROGRAMM TAL-FESTA TAL-FAMILJA MQADDSA

**Proġett tal-Festa tal-Familja Mqaddsa 2023 – Ngħinu lis-Seminarju tal-Arċisqof**
Din is-sena l-parroċċa ser tiċċaħħad mid-dħul tal-offertorju fil-weekends tal-15 u 22 ta' Jannar sabiex ngħinu lis-Seminarju tal-Arċisqof li jixtieqú jgħammru parti mis-Seminarju ħalli fiha jsir taħriġ speċjalizzat għas-Seminaristi u Saċerdoti dwar l-Omelija tal-Ħadd u l-predikazzjoni in ġenerali. Dan jinkludi kamra ta' laqgħat, tagħmir adwo viżiv, programmi speċjalizzati minn barra bl-isem ta' 'Verbum' u li jinġiebu speċjalisti minn barra biex jgħinu seminaristi u saċerdoti f'dan il-qasqm tant importanti. L-ispiża hija stmata għal €7,000.

**Il-Ħadd 22 ta' Jannar 2023 fil-11.15 am quddiesa tal-Festa tal-Familja Mqaddsa għat-tfal kollha tal-parroċċa u l-ġenituri tagħhom. Tanima l-Kummissjoni Tfal.**

**Is-Sibt 28 ta' Jannar 2023 fil-5.30 pm – Jum il-Festa tal-Familja Mqaddsa**
**'Kunu lkoll fehma waħda, ħossu għal xulxin, inħabbu bħal aħwa b'qalb ħanina u umli' (1Pt 3:8)**
**5.30 p.m. Għasar kantat bil-Malti bis-sehem tal-Kor Parrokkjali**
**6.00 p.m. Quddiesa Solenni tal-Festa tal-Familja Mqaddsa.**
**Jiċċelebraw l-E.T. Mons Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali mal-kleru tal-Iklin. Mistiedna is-Sindku u l-Kunsilliera tal-Iklin.**

**Il-Ħadd 29 ta' Jannar 2023 – Il-Ħadd tal-Kelma t'Alla**
**'Ikunu ħsibijietna fil-ħwejjeġ tal-Mulej' (1Kor 7:32-35)**
**11.15 am Quddiesa bil-Preżentazzjonijiet lill-Familja Mqaddsa tat-trabi li tgħammdu tul is-snin li għaddew 2020 - 2022. Imexxi l-Kappillan Dun Keith Bonnici.**

## MILL-PROGRAMM TAL-KATEKIZMU GĦAT-TFAL 2022 – 2023

**It-Tnejn 9 ta' Jannar fl-4.30 pm**
Jibda' l-Katekiżmu għat-Tfal

**Il-Ħamis 12 ta' Jannar fl-4.30 pm**
Tfal Snin 5,6 u 7: Laqgħa ta' talb ma' Dr Veronica Zammit u Ms Elizabeth Zammit
Tfal Sena 4: ċelebrazzjoni tal-quddiesa spjegata għat-tfal ma' Dun Karm Busuttil
Tfal Snin 2 u 3: Praying the Bible ma' Claire u Karl Spiteri

**Il-Ħamis 19 ta' Jannar fl-4.30 pm**
Tfal Sena 3 (Miss Sue): ċelebrazzjoni tal-quddiesa spjegata għat-tfal ma' Dun Karm Busuttil

**Il-Ħamis 26 ta' Jannar fl-4.30 pm**
Tfal Sena 3 (Miss Anna): ċelebrazzjoni tal-quddiesa spjegata għat-tfal ma' Dun Karm Busuttil
Tfal Snin 4 u 5: Praying the Bible ma' Claire u Karl Spiteri

**Il-Ħamis 2 ta' Frar**
4.30 pm Tfal Sena 5: ċelebrazzjoni tal-quddiesa spjegata għat-tfal ma' Dun Karm Busuttil
6.15 pm Tfal ta' Sena 2 ma jkollhomx Katekiżmu għat-tfal fl-4.30 pm imma jiġu mal-ġenituri tagħhom fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju biex jiġu preżentati lil Alla bi preparazzjoni għall-Ewwel Tqarbina tagħhom.